

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2007/0243(COD)

27.5.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzata

(COM(2007)0709 – C6-0418/2007 – 2007/0243(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Wolfgang Bulfon

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kodiċi ta' Kondotta għal Sistemi ta' Prenotazzjoni Kompjuterizzata (Computerised Reservation Systems - CRS) tikkonċerna l-prenotazzjoni minn aġenti ta' l-ivvjaġġar permezz tas-CRS ta' biljetti ta' l-ajru u tal-ferrovija. Minn mindu daħal fis-seħħ fl-1989, ir-Regolament ġie rivedut darbtejn (fl-1993 u fl-1999). Din it-tielet reviżjoni li ġejja għandha l-għan li ssaħħaħ il-kompetizzjoni bejn is-CRSs permezz ta' liberalizzazzjoni parzjali tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Ir-rapporteur għal opinjoni jirrikonoxxi li reviżjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta attwali tas-CRS tista' twassal għal aktar flessibilità u servizz aħjar. Madankollu, hemm ukoll it-tħassib li minħabba l-istruttura attwali tas-suq ta' l-ajru Ewropew, fejn il-linji ta' l-ajru nazzjonali jgawdu minn pożizzjoni privileġġjata grazzi għad-dominju tagħhom fis-swieq domestiċi tagħhom, jista' jkun hemm aktar espansjoni ta' pożizzjonijiet dominanti fis-suq.

L-interkonnessjoni bejn il-linji ta' l-ajru, is-CRSs u l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar fil-każ ta' parteċipanti dominanti fis-suq tfisser li aġenziji ta' l-ivvjaġġar indipendenti fil-ġejjieni se jkunu sfurzati jipparteċipaw f'CRS partikolari biex jakkwistaw informazzjoni dwar l-offerta sħiħa ta' tariffi u d-disponibilità ta' linji ta' l-ajru partikolari.

Il-liberalizzazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta mhux biss tfisser kompetizzjoni msaħħa iżda wkoll żieda fit-tendenza lejn frammentazzjoni ta' l-informazzjoni dwar tariffi u/jew id-disponibilità, li diġà qed isseħħ bħala riżultat ta' mezzi alternattivi ta' distribuzzjoni għal-linji ta' l-ajru.

Ir-rapporteur għal opinjoni jibża' l-aktar li s-sitwazzjoni kompetittiva għall-aġenziji żgħar u ta' daqs medju se tiddeterjora, peress li m'għandhomx riżorsi biżżejjed biex jidħlu f'kuntratti ma' numru ta' CRSs, jew inkella jkollhom jużaw il-mezzi diretti ta' distribuzzjoni tal-linji ta' l-ajru sabiex ikollhom aċċess għas-servizzi kollha. Dan jista' jwassal biex jogħlew il-prezzijiet għall-konsumaturi finali.

Ir-rapporteur għal opinjoni jappoġġja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10 li għandhom il-għan li linji ta' l-ajru ewlenin (parent carriers) jipprovdu lill-fornituri kollha tas-CRS bl-istess informazzjoni dwar it-tariffi u d-disponibilità (full content), inkużi daww li magħhom ma ffirmawx kuntratt.

Il-proposta tal-Kummissjoni li tneħħi l-identifikazzjoni ta' l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar fil-Marketing Information Data Tapes (MIDTs) billi tħassar in-numru ta' l-IATA tagħhom għandha l-approvazzjoni sħiħa tar-rapporteur tagħkom.

Barra minn hekk, huwa jitlob li l-istruttura tat-tariffi għal kull segment ta' titjiriet offruti minn CRS issir kemm jista' jkun trasparenti, billi turi t-taxxi, l-ispejjeż u t-tariffi pagabbli lill-fornitur tas-servizz ta' trasport. Ħlas supplementari fuq prenotazzjoni CRS, li jiġi kkalkolat wara, mhuwiex aċċettabbli.

Dwar id-definizzjoni ta' 'linja ta' l-ajru ewlenija', ir-rapporteur jitlob li kull parteċipazzjoni diretta jew indiretta ta' kumpanija ta' l-ajru jew ferrovjarja f'CRS għandha twassal għal klassifikazzjoni bħala 'linja ta' l-ajru ewlenija'. Ir-rapporteur għal opinjoni huwa tal-fehma li kull tip ta' sjieda f'CRS tinvolvi ċertu ammont ta' influwenza. Biex jinħolqu kundizzjonijiet

ġusti ta' kompetizzjoni, il-linji ta' l-ajru kollha għandhom jirrinunzjaw milli jieħdu sehem fis-CRSs

Dawk il-linji ta' l-ajru u l-kumpaniji ferrovjarji li jippreferu jżommu l-parteċipazzjoni tagħhom f'CRS għandhom jintrabtu bil-miżuri li jipprovdi l-Artikolu 3a.

Ir-rapporteur għal opinjoni jipproponi, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 17 tal-proposta tal-Kummissjoni, li għandha ssir reviżjoni perijodika ta' l-implimentazzjoni tar-regolament tliet darbiet fi żmien ħames snin mid-dħul tiegħu fis-seħħ. Din ir-reviżjoni għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-effikaċja tar-regolament fl-isforz tiegħu li jiżgura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni u li jkun hemm kompetizzjoni għusta fis-suq għas-servizzi tas-CRS, u jevalwa l-effetti tagħhom fuq l-interessi tal-konsumatur.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1 **Proposta għal regolament** **Premessa 9 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Skond ir-Regolament (...) dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tat-trasport bl-ajru fil-Komunità, it-trasportaturi ta' l-ajru jridu jipubblikaw it-tariffi tagħhom b'mod li jkunu jinkludu t-taxxi applikabbli kollha, l-ispejjeż, il-pagamenti supplimentari u l-miżati inevitabbli u prevedibbli. Il-mod kif iċ-CRS jippreżenta l-informazzjoni għandu jipprovdi informazzjoni dwar it-tariffi li tkun tinkludi l-kategoriji ta' prezzijiet simili sabiex ikun żgurat li l-aġenti ta' l-ivvjaġġar ikunu jistgħu jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-klijenti tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Il-konsumaturi jeħtieġ ikollhom informazzjoni preċiża dwar it-tariffi. Kull parteċipant (trasportaturi ta' l-ajru, operaturi tas-CRS, u l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar) għandu jkollhom l-obbligu li jipprovdu informazzjoni trasparenti dwar l-elementi differenti tat-tariffi. Dan huwa konformi mar-riforma tar-Regolament li jistabbilixxi r-regoli komuni għall-użu tas-servizzi tat-trasport bl-ajru (li bħalissa qed jiġi eżaminat).

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 11 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Il-Kummissjoni għandha b'mod regolari tikkontrolla l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari teżamina jekk dan huwiex effikaċi fil-prevenzjoni ta' prattiki anti-kompetittivi u prattiki diskriminatorji fis-suq tad-distribuzzjoni tas-servizzi ta' l-ivvjaġġar permezz ta' CRS, b'mod partikolari meta jeżistu trasportaturi li jkunu marbuta mill-qrib mal-bejjiegħa ta' sistemi.

Ġustifikazzjoni

Mingħajr ma tqajjem dubji dwar ir-riżultati ta' l-analiżi dwar l-impatt fuq it-trasportaturi prinċipali, il-Kummissjoni għandha tibqa' attenta u tevita li jkun hemm l-prattiki anti-kompetittivi.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat.

(12) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat. ***Huwa komplimentari għar-regoli ġenerali tal-kompetizzjoni, li għadhom applikabbli fl-integrità u tagħhom f'każijiet ta' abbużi relatati mal-kompetizzjoni bħall-ksur tar-regoli kontra l-kollużjoni jew l-użu***

abbużiv ta' pożizzjoni dominanti.

Ġustifikazzjoni

Dan il-kodiċi ta' kondotta għandu l-għan li jikkontribwixxi sabiex jiżdedu l-kundizzjonijiet ġusti u imparzjali għat-trasportaturi ta' l-ajru fis-sistemi ta' l-ajru fis-sistemi ta' prenotazzjonijiet kompjuterizzati. Madankollu, it-test m'għandux jittqies waħdu iżda jikkomplimenta d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 81 u 82.

Emenda 4

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt g**

Test propost mill-Kummissjoni

(g) 'trasportatur prinċipali' tfisser kull trasportatur bl-ajru jew operatur tat-trasport ferrovjarju li direttament jew indirettament, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, **ikollu s-sjieda jew** effettivament **jikkontrolla** bejjiegħ tas-sistema, kif ukoll kwalunkwe trasportatur bl-ajru jew operatur tat-trasport ferrovjarju li jkollu s-sjieda jew effettivament il-kontroll tagħhom;

Emenda

(g) 'trasportatur prinċipali' tfisser kull trasportatur bl-ajru jew operatur tat-trasport ferrovjarju li direttament jew indirettament, waħdu jew flimkien ma' oħrajn:

- ikollu wieħed jew aktar mill-ishma kapitali jew ikun intitolat li jaħtar il-membri eżekuttivi għolja jew xi membri fil-bord tad-diretturi, fil-bord superviżorju jew fi kwalunkwe korp regulatorju ta' bejjiegħ ta' sistemi, u

- li jkun rikonoxxut mill-Kummissjoni bħala kontrollur effettiv ta' bejjiegħ tas-sistema, kif ukoll kwalunkwe trasportatur bl-ajru jew operatur tat-trasport ferrovjarju li jkollu s-sjieda jew effettivament il-kontroll tagħhom;

Fi kwalunkwe waqt, il-Kummissjoni Ewropea tista' titlob lit-trasportatur ta' l-ajru jew lill-operatur ferrovjarju li jkollhom wieħed jew aktar mill-ishma kapitali ta' bejjiegħ tas-sistemi biex jipprovdulha l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja sabiex jiġi determinat l-istatus eventwali tagħhom ta' trasportaturi prinċipali;

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni tal-Kummissjoni trid tkun aktar preċiża. Fil-fatt, ma jeżistix limitu definit fejn 'il fuq minnu, il-parteċipazzjoni fil-kapital ta' CRS ikollha influwenza assicurata fuq il-politika kummerċjali tas-CRS. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu inklużi l-kumpaniji kollha li jipparteċipaw fil-kapital ta' CRS u li tingħata lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea r-responsabilita li jiġu verifikati liema kumpaniji minn dawn jeżerċitaw kontroll effettiv fuq is-CRS.

It-tieni parti ta' l-emenda tinkludi l-obbligi li jikkonċernaw it-trasparenza.

Emenda 5

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Bejjiegħ tas-sistema għandu jipprovdi viżwal ewlieni jew viżwal għal kull tranżazzjoni individwawli permezz tas-CRS tiegħu u għandu jinkludi fih id-dejta pprovduta minn trasportaturi parteċipanti b'mod newtrali u komprensiv u mingħajr diskriminazzjoni jew preferenzi. Il-kriterji li għandhom jintużaw fil-prijoritizzazzjoni m'għandhomx ikunu bbażati fuq xi fattur direttament jew indirettament relatat ma' l-identità ta' trasportatur u għandhom jiġu applikati fuq bażi mhux diskriminatorja lit-trasportaturi parteċipanti kollha. Il-viżwal ewlieni għandu jhars ir-regoli stipulati fl-Anness 1.

Emenda

1. Bejjiegħ tas-sistema għandu jipprovdi viżwal ewlieni jew viżwal għal kull tranżazzjoni individwali permezz tas-CRS tiegħu u għandu jinkludi fih id-dejta pprovduta minn trasportaturi parteċipanti b'mod newtrali, **trasparenti** u komprensiv u mingħajr diskriminazzjoni jew preferenzi. Il-kriterji li għandhom jintużaw fil-prijoritizzazzjoni m'għandhomx ikunu bbażati fuq xi fattur direttament jew indirettament relatat ma' l-identità ta' trasportatur u għandhom jiġu applikati fuq bażi mhux diskriminatorja lit-trasportaturi parteċipanti kollha. Il-viżwal ewlieni għandu jhars ir-regoli stipulati fl-Anness 1.

Emenda 6

Proposta għal regolament Artikolu 5 - paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta jipprovdi informazzjoni minn CRS lill-konsumatur, l-abbonat għandu jinforma lill-konsumatur dwar il-prezz finali li għandu jitħallas għas-servizz tat-

trasport, inklużi l-ispejjeż addizzjonali u l-ispejjeż tas-servizz.

Ġustifikazzjoni

Din il-miżura ssaħħa it-trasparenza fil-prezz għall-konsumatur. Għandha x'taqsam kemm ma' aġenziji ta' l-ivvjaġġar on-line kif ukoll ma' dawk off-line. Tikkumplimenta l-obbligi ta' trasparenza tal-prezzijiet li hemm fir-regolament li għe adottat reċentement dwar l-operazzjoni tas-servizzi ta' trasport bl-ajru (it-tielet pakkett rivedut) li jitlob l-istess mil-linji ta' l-ajru.

Emenda 7

Proposta għal regolament Artikolu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) meta tali dejta tirriżulta mill-użu ta' faċilitajiet ta' distribuzzjoni ta' CRS minn abbonat stabbilit fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea, din tinkludi l-identifikazzjoni direttament jew indirettament ta' dak l-abbonat.

Emenda

(b) it-trasportaturi parteċipanti m'għandhomx jużaw tali dejta sabiex jinfluwenzaw b'mod mhux xieraq l-għażla ta' l-abbonat.

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn il-Kummissjoni, taġġixxi fuq ilment jew fuq l-inizjattiva tagħha, issib li hemm ksur ta' dan ir-Regolament, hi tista' b'deċiżjoni tirrikjedi l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' l-impriżi kkonċernati jgħibu fit-tmiem dan il-ksur.

Emenda

Fejn il-Kummissjoni, li taġġixxi fuq ilment jew fuq l-inizjattiva tagħha, issib li hemm ksur ta' dan ir-Regolament, hi tista' b'deċiżjoni tirrikjedi l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet ta' l-impriżi kkonċernati jgħibu fit-tmiem dan il-ksur. ***L-investigazzjonijiet tal-ksur possibbli ta' dan ir-Regolament għandhom iqisu b'mod sħiħ ir-riżultati ta' kwalunkwe inkjesta skond l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat.***

Ġustifikazzjoni

Il-kodiċi ta' kondotta CRS ma jissostitwix ir-regoli eżistenti fil-qasam tal-kompetizzjoni, iżda jikkompletahom; dawn jibqgħu applikabbli bis-sħiħ.

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex twettaq id-doveri assenjati lilha b'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', sempliċiment b'talba jew b'deċiżjoni, tirrikjedi l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' l-impriżi biex jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja.

Emenda

Sabiex twettaq id-doveri assenjati lilha b'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', sempliċiment b'talba jew b'deċiżjoni, tirrikjedi l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' l-impriżi biex jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja, ***inklużi verifiki speċifiċi, b'mod partikolari fuq kwistjonijiet koperti fl-Artikoli 4, 7 u 11 ta' dan ir-Regolament.***

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea għandu jkollha setgħat estiżi sabiex tiżgura l-applikazzjoni xierqa ta' dan il-kodiċi ta' kondotta.

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 17 - paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni tikkontrolla regolarment l-applikazzjoni tar-regolament attwali, jekk hemm bżonn bl-għajnuna tal-verifiki speċifiċi previsti fl-Artikolu 13. Għandha teżamina b'mod partikolari l-effikaċja tar-Regolament mil-lati tan-non-diskriminazzjoni u kompetizzjoni ġusta fis-suq tas-servizzi tas-CRS.

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Anness I - punt -1 (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Skond kif jagħżel l-abbonat, l-alternattivi ta' l-ivvjaġġar fl-iskrin ewlieni għandhom jiġu elenkati jew skond il-prezz jew inkella fl-ordni li ġejja:

(a) l-għażliet ta' vjaġġar dirett, elenkati skond il-ħin tat-tluq;

(b) l-għażliet l-oħra kollha ta' vjaġġar, elenkati skond il-ħin totali tal-vjaġġ.

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun hemm bosta għażliet possibbli għall-abbonati.

Emenda 12

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. It-titjiriet li jkun fihom waqfiet matul il-vjaġġ għandhom ikunu identifikabbli b'mod ċar.

4. It-titjiriet li jkun fihom waqfiet matul il-vjaġġ għandhom ikunu identifikabbli b'mod ċar, **u jrid jintwera t-tul tal-waqfiet.**

Ġustifikazzjoni

Biex il-konsumatur ikun jista' jagħmel l-aħjar għażla li tikkorrispondi ma' l-interessi tiegħu.

PROĊEDURA

Titolu	Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzata	
Referenzi	COM(2007)0709 – C6-0418/2007 – 2007/0243(COD)	
Kumitat responsabbli	TRAN	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 29.11.2007	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Wolfgang Bulfon 31.1.2008	
Eżami fil-kumitat	26.3.2008	6.5.2008
Data ta' l-adozzjoni	27.5.2008	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36	–: 0
	0:	1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Cristian Silviu Buşoi, Charlotte Cederschiöld, Gabriela Creţu, Mia De Vits, Janelly Fourtou, Evelyne Gebhardt, Martí Grau i Segú, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Iliana Malinova Iotova, Pierre Jonckheer, Graf Alexander Lambsdorff, Kurt Lechner, Toine Manders, Nickolay Mladenov, Catherine Neris, Zita Pleštinská, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Leopold Józef Rutowicz, Salvador Domingo Sanz Palacio, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Marianne Thyssen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Emmanouil Angelakas, Wolfgang Bulfon, Colm Burke, Giovanna Corda, Jan Cremers, Wolf Klinz, Manuel Medina Ortega, Gary Titley	
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Elisabeth Morin, Sirpa Pietikäinen, Nicolae Vlad Popa	